C/2026/4255

4.8.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12545 — MSI / TARGET COMPANIES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4255)

1. Fis-27 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Morgan Stanley Infrastructure Inc. ("MSI", l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn Morgan Stanley (l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Nicollin SAS ("Nicollin", Franza), ikkontrollata minn Groupe Nicollin (Franza),

— Société Méditerranéenne De Nettoiement SAS ("SMN", Franza), ikkontrollata minn Groupe Nicollin,

— Nicollin Holding Environnement ("NHE", Franza), ikkontrollata minn Groupe Nicollin,

— Nicollin Eau (Franza), ikkontrollata minn Groupe Nicollin,

— MP3D Groupe (Franza), ikkontrollata minn Groupe Nicollin.

Morgan Stanley se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Nicollin, SMN, NHE, Nicollin Eau, u MP3D Groupe (il- "Kumpaniji fil-Mira").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— MSI hija attiva fil-forniment ta' servizzi finanzjarji, inklużi pariri dwar l-immaniġġjar tal-assi u pariri dwar fondi li jinvestu f'assi infrastrutturali,

— il-Kumpaniji fil-Mira huma attivi fl-operat tas-servizzi tal-immaniġġjar tal-iskart (Nicollin, SMN, NHE) u l-operat tas-servizzi tal-ilma (Nicollin Eau u MP3D Groupe).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12545 — MSI / TARGET COMPANIES

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË